# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 8**

**Rikors numru 28/18 LSO**

**Jeremy James Farrugia**

**v.**

**Avukat Ġenerali**

1. L-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza tal-Prim'Awla tad-29 ta' Novembru, 2018 li biha ddikjarat li kien hemm ksur tal-artikoli 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali fir-rigward tal-perjodu ta' detenzjoni bejn **il-15 ta' Novembru, 2007 sal-24 ta' Jannar, 2008**.

2. Min-naħa tiegħu l-appellat argumenta li kien hemm ksur tal-artikolu 5(3) u 5(4) tal-Konvenzjoni sa mill-ewwel xahar li tressaq il-Qorti u ma

ngħatax il-ħelsien mill-arrest. Dan apparti li l-ewwel Qorti kellha tillikwida kumpens għad-danni morali. F'dan ir-rigward ressaq appell inċidentali fejn talab li din il-qorti tirriforma s-sentenza fis-sens li tiddikjara li l-vjolazzjoni tal-imsemmija disposizzjonijiet kienet mill-ewwel xahar tal-arrest tiegħu, u talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tagħtih kumpens skont l-artikolu 5(5) tal-Konvenzjoni.

**Appell tal-Avukat Ġenerali**.

3. Il-motivazzjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti hi s-segwenti:

> *"Illi r-rikorrent ipprezenta rikors ghall-helsien mill-arrest fil-15 ta' Novembru 2007. Dan ir-rikors gie pprezentat qabel ma inghalqu l-provi mill-prosekuzzjoni u jinsab esebit a fol 460 tal-atti tal-proceduri kriminali. Il-Qorti ordnat in-notifika lill-Avukat Generali b'24 siegha ghar-risposta u l-Avukat Generali wiegeb billi oppona ghas-segwenti ragunijiet:*
>
> *a) fid-dawl tal-atti proċesswali miġbura s'issa;*
> *b) il-possibilita' ta' ripetizzjoni ta' kommissjoni ta' reati ohra stante l-karattru refrattarja tieghu;*
> *c) nonche' n-nuqqas ta' affidabilita' tieghu li josserva t-termini ta' l-artikolu 575(1)(a) sa (c).*
>
> "*Illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja baqghet ma dekretatx dan ir-rikors sakemm tat is-sentenza finali.*
>
> "*Ghall-kuntrarju, l-ko-akkuzat, James Michael Kavanagh, ipprezenta talba simili fis-26 ta' Novembru 2007, allura wara li nghalqu l-provi. L-Avukat Generali ressaq in opposizzjoni l-istess ragunijiet.*
>
> "*Illi dan ir-rikors tressaq quddiem il-Qorti Kriminali kif presjeduta mill-On. Imhallef Vincent Degaetano li appuntah ghas-smigh u, b'Digriet tat-30 ta' Novembru 2007, moghti dakinhar tas-smigh tar-rikors, il-Qorti cahdet it-talba wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza in partikolari, l-fedina penali tal-istess rikorrent. Inoltre stqarret li ma kenitx soddisfatta li jekk jinghata l- helisen mill-*

*arrest ma jkunx hemm il-perikoli ravvisati fl- artikolu 575(1) (a) (b) (c) u e) tal-Kap 9.*

"*Illi frankament din il-Qorti hija preokkupata bil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ma hadet l-ebda decizjoni fuq it-talba maghmula mir-rikorrent. Huwa minnu li r-rikorrent ressaq din it-talba quddiem il-Qorti tal-Magistrati fi stadju meta, ftit wara, l-atti gew rinvijati. Izda dan kellu jsehh wara l-ahhar seduta, fl-20 ta' Novembru 2007 meta, allura l-Qorti kellha quddiemha l-kwadru kollu rilevanti ghall-kaz. Il-Qorti mhix esonerata milli tqajjem il-kwistjoni tal-arbitrarjeta' tad-detenzjoni ex officio u hekk kellha taghmel u kellha l- obbligu li taghti decizjoni fuq it-talba. B'hekk halliet lir-rikorrent in limbu u tefghet fuqu l-onere li jerga' jaghmel talba ohra, din id-darba, quddiem il-Qorti Kriminali.*

"*Qorti hija obbligata li tiddeciedi talba simili minghajr dewmien, u li taghti ragunijiet ghad-decizjoni taghha. F'dan il-kaz ma sarx hekk billi l-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-ahhar ta' Jannar 2008. Inoltre, huwa evidenti mill-apprezzament tal-gurisprudenza fuq citata, li l- ezistenza ta' suspett ragjonevoli hija sine qua non ghal- legalita' tad-detenzjoni. Jekk dan jisvanixxi, ma jibqax raguni ghaz-zamma tal-akkuzat f'detenzjoni u l-Qorti hija obbligata li tordna l-helsien mill-arrest, b'garanziji idonei biex jisguraw li l-akkuzat jobdi l-ordnijiet taghha.*

"***Ghaldaqstant il-Qorti ssib li kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrent limitatament ghall-perjodu bejn l-15 ta' Novembru 2007 sal-24 ta' Jannar 2008 minhabba n-nuqqas tal-Qorti li taghti decizjoni fuq it-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest f'stadju konklussiv tal-proceduri fejn kien car li l-provi ma setghux jiggustifikaw iktar li kien ghad hemm suspett ragjonevoli***".

4. Dwar l-artikolu 5(4), il-Qorti kkonkludiet li kien hemm ksur għaliex id-detenzjoni tal-appellat kienet waħda illegali matul il-perjodu **15 ta' Novembru, 2007 sal-24 ta' Jannar, 2008**. Il-Qorti qalet li kieku ried l-appellat kellu r-rimedju kontemplat fl-artikolu 412B tal-Kodiċi Kriminali. Pero` qalet li meta r-rikorrent ippreżenta r-rikors tal-15 ta' Novembru, 2007:

*"F'dak l-istadju taqbel li kien hemm nuqqas ta' proporzjonalita' stante li l-Qorti kellha tordna l-ħelsien mill-arrest b'garanziji idonei li jiżguraw fiċ-ċirkostanzi li r-rikorrent jobdi l-ordnijiet tal-Pulizija, jippreżenta ruħu fid-data tas-sentenza u ma jikkommettix reati oħra"*.

5. Fil-meritu l-Avukat Ġenerali ilmenta minn dik il-parti tas-sentenza li sabet ksur tal-artikolu 5(3) u 5(4) mill-15 ta' Novembru, 2007 sakemm ingħatat is-sentenza. Hu bbaza l-ilment tiegħu fuq dawn il-fatti:

i. L-appellat kien magħruf sew mal-pulizija;

ii. L-appellat kien reċidiv;

iii. Il-każ ġie deċiż fi żmien raġonevoli. Il-Konvenzjoni tidher li trid tgħid li allura l-imputat m'għandux jedd għall-ħelsien waqt li huma pendenti l-proċeduri kriminali;

iv. L-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni jagħti d-dritt lill-imputat sabiex jiftaħ proċeduri biex jikkontesta d-detenzjoni tiegħu quddiem Qorti, li għandha dmir li tagħti deċiżjoni fi żmien qasir. Dritt li jeżisti fil-liġi Maltija u li ma jirriżultax li l-appellat għamel użu minnu.

6. Artikoli 5 tal-Konvenzjoni jipprovdi:-

*"(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-liberta` u għas-sigurta` tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-liberta' tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:.........*

"*(c) l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persuna effetwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew* ***meta jkun***

> ***meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat*** *jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;........*
>
> “*(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (ċ) ta’ dan l-Artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b’liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u* ***jkollu dritt*** *għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew* ***għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri****. Il-ħelsien jista’ jkun taħt kundizzjoni ta’ garanziji biex jidher għall-proċeduri.*
>
> “*(4) Kull min ikun ipprivat mil-libertà tiegħu b’arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalità tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-libertà tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skont il-liġi”.*

7. Bħala fatt irriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja baqgħet ma ddegretatx ir-rikors li bih fil-15 ta’ Novembru, 2007 l-appellat talab li jingħata l-ħelsien mill-arrest. Sitwazzjoni li baqgħet l-istess sal-ġurnata tas-sentenza, 24 ta’ Jannar 2008. Dan ifisser wieħed u sebgħin (71) ġurnata.

8. L-ewwel Qorti kkonkludiet li mill-15 ta’ Novembru, 2007 kien hemm ksur tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni, *“.... minħabba n-nuqqas tal-Qorti li tagħti deċiżjoni fuq it-talba tiegħu għall-ħelsien mill-arrest f’stadju konklussiv tal-proċeduri fejn kien ċar li l-provi ma setgħux jiġġustifikaw iktar li kien għad hemm suspett raġonevoli”*.

9. Madankollu din il-Qorti hi tal-fehma li l-ilment tal-Avukat Ġenerali b’riferenza għall-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni, m’huwiex ġustifikat. Kif rajna dik id-disposizzjoni tagħti l-jedd għall-ħelsien mill-arrest waqt il-

proċeduri kriminali. Fil-15 ta' Novembru, 2007 l-appellat ippreżenta rikors li bih talab lill-Qorti Istruttorja sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest. L-appellant kien ilu f'detenzjoni sa mill-1 ta' Diċembru, 2006. Fil-15 ta' Novembru, 2007 il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-Avukat Ġenerali li b'risposta tas-16 ta' Novembru, 2007 oppona għat-talba. Madankollu fis-seduta tal-20 ta' Novembru, 2007 il-Qorti ma tatx digriet dwar it-talba. Dakinhar il-prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellhiex iktar provi u l-każ kien differit għas-seduta tas-17 ta' Diċembru, 2007 u l-atti intbagħtu lura lill-Avukat Ġenerali.

10. Hu veru li ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellat milli jagħmel talba identika quddiem il-Qorti Kriminali, kif għamel l-imputat l-ieħor Kavanagh (rikors tas-26 ta' Novembru, 2007). Madankollu, jibqa' l-fatt li l-Qorti baqgħet ma ddegretatx ir-rikors tal-15 ta' Novembru, 2007 minkejja li ma rriżultax li kien hemm xi impediment li tiddeċiedi dwar it-talba waqt is-seduta tal-20 ta' Novembru, 2007. Hu minnu li m'hemmx garanzija li fis-seduta tal-20 ta' Novembru, 2007 jew wara l-appellat kien ser jingħata l-ħelsien mill-arrest. Madankollu jibqa' l-fatt li bin-nuqqas tal-qorti li tiddeċiedi r-rikors tal-15 ta' Novembru, 2007 fi żmien raġonevoli, l-appellat ġie mċaħħad mill-opportunita` li jingħata l-ħelsien mill-arrest f'dik is-seduta. Nuqqas li kompla meta fl-24 ta' Diċembru, 2007 l-atti intbagħtu lura mill-Avukat Ġenerali lill-qorti istruttorja, kif ukoll fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2008 meta l-kawża kienet differita għas-sentenza. **Fil-fehma tal-Qorti dan in-nuqqas fih innifsu wassal b'mod indirett għall-ksur tal-**

**jedd tal-appellat li jingħata l-ħelsien mill-arrest protett taħt l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni.**

11. L-appellat seta' jagħmel xi ħaġa ? Dażgur li seta' iżda n-nuqqas tiegħu m'huwiex rimedju għan-nuqqas tal-Qorti li tiddeċiedi r-rikors tal-15 ta' Novembru, 2007 fi żmien qasir qabel tat is-sentenza.

12. B'riferenza għall-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni:

> "***Article 5(4) is the habeas corpus provision of the Convention****, providing a 'cornerstone guarantee' against arbitrary detention by the state. It is in essence a detainee's 'right actively to seek (a prompt) judicial review of his detention, and to be released if there is no lawful basis for his or her loss of liberty....*
>
> "*The review of detention is not an appeal but must properly examine the procedureal and substantive conditions which are essential for the 'lawfulness', in Convention terms, of the deprivation of liberty. There is no obligation on a domestic judge to address every argument contained in the appellant's submissions, and Article 5(4) 'does not guarantee a right to judicial review of such a scope as to empower the court, on all aspects of the case including questions of pure expediency, to substitute its own discretion for that of the decision-making authority. However, the court must have regard to and properly address concrete facts invoked by the detainee and capable of putting in doubt the existence of the conditions essential for the 'lawfulness', in the sense of Article 5(1), of the deprivation of liberty. That is, the detained person must have the opportunity to question whether his detention is consistent with the applicable municipal law and the Convention, including its general principles, and is not arbitrary"*.[1]

13. Fir-rigward tal-artikolu 5(4), il-Qorti ma tifhimx kif l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li kien hemm leżjoni ta' dak l-artikolu wara li

[1] Harris, O'Boyle & Warbrick - *Law of the European Convention on Human Rights* (Tielet Edizzjoni) paġna 352.

kienet qalet li l-artikolu 412B tal-Kodiċi Kriminali kien jagħti lill-appellat ***"rimedju effettiv li seta' ġie utilizzat mir-rikorrent jekk ried"***. Disposizzjoni li tipprovdi għall-proċedura sabiex persuna arrestata pendenti proċeduri kriminali titlob ħelsien mill-arrest fejn tallega li l-arrest mhux leġittimu. Jekk kif qalet l-ewwel Qorti l-artikolu 412B tal-Kap. 9 jagħti rimedju effettiv lir-rikorrent, ma setax kien hemm leżjoni ta' dik id-disposizzjoni għaliex skont l-ewwel Qorti r-rimedju jeżisti.

14. Wara li l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellat kellu rimedju effettiv, pero' qalet li fil-15 ta' Novembru, 2007 *"... taqbel li kien hemm nuqqas ta' proporzjonalita' stante li l-Qorti kellha tordna l-ħelsien mill-arrest b'garanziji idoneji li jiżguraw fiċ-ċirkostanzi li r-rikorrent jobdi l-ordnijiet tal-Pulizija, jippreżenta ruħu fid-data tas-sentenza u ma jikkommettix reati oħra"*. Ir-raġunament tal-Qorti kien bażat fuq il-fatt li f'dak l-istadju tal-proċediment kien, *".... ċar li l-provi ma setgħux jiġġustifikaw iktar li kien għad hemm suspett raġonevoli"* (paġna 36 tas-sentenza). Raġunament li fil-fehma ta' din il-Qorti:-

i. Jekk għandu mis-sewwa, kellu jsir b'riferenza għall-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni u mhux l-artikolu 5(4);
ii. Hu żbaljat meta tikkunsidra li kienet l-istess Qorti fis-sentenza li qalet li s-suspett raġonevoli kien *"baqa' jissussisti sal-aħħar"* u li wara li għamlet konsiderazzjonijiet ulterjuri

kkonkludiet li d-detenzjoni kienet ġustifikata u mhux leżiva tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni.

iii. Mill-atti tal-proċeduri kriminali ma jirriżultax li mill-15 ta' Novembru, 2007 tressqu xi provi li kellhom ineħħu s-suspett raġjonevoli li l-appellat kien wettaq ir-reati li kien akkużat bihom. Anzi f'rapport ippreżentat minn Dr Martin Bajada fl-20 ta' Novembru, 2007 jingħad li kien irriżulta xebħ bejn il-*foot print* li nstabet fuq il-bank tal-fergħa tal-Maltapost tal-Pieta` fejn seħħ ir-reat mal-qiegħ taż-żarbun li nstab fir-residenza ta' omm l-appellat (ara paragrafu 5.3 tar-rapport).

15. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll is-sentenza **Mikalauskas v. Malta** (application no. 4458/10) tat-23 ta' Lulju, 2013 li b'riferenza għall-artikolu 412B tal-Kodiċi Kriminali ikkonkludiet li ma kienx ġie muri li r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu, *"... an effective and speedy remedy under domestic law for challenging the lawfulness of his detention"*. Konklużjoni bażata fuq ir-raġunament li:-

> *"96. The Court notes that the relevant provision referred to applications for release from custody where it was claimed that continued detention was "not in accordance with the law". Reiterating that* ***"lawfulness" of detention must be examined not only in the light of the requirements of domestic law, but also of the Convention, the Court reiterates that for the remedy invoked to be considered effective, it is crucial that the scope of the examination it provides covers also Convention compatibility.*** *The Court observes that under Article 409A, cited by the Government as an available remedy (but which the Court found to be inapplicable to the applicant's case), the relevant courts entrusted with hearing applications under that Article*

> *had previously held that they were not competent to look into other circumstances which could render a person's detention unlawful, such as an incompatibility with the rights guaranteed by the Constitution or the Convention when there was a clear law authorising continued detention (see Louled Massoud, cited above, § 43)*.
>
> "*It follows that the Court cannot ignore that the same interpretation may also have been adopted by the Court of Magistrates in relation to applications under Article 412B. Bearing in mind that the Court must assess the effectiveness of remedies not only in theory but also in practice (see Zunic v. Slovenia, (dec.) no. 24342/04, 18 October 2007), in the absence of any submissions in this regard by the Government, or any examples of the courts' interpretation and use of this provision to contradict the applicant's claim as to the limited scope of this remedy, the Court cannot, for the purposes of the present case, consider it a suitable course by which the lawfulness of the applicant's detention could be determined in the light of the Convention".*

16. Pero` din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn qorti li jkollha tiddeċiedi rikors skont l-artikolu 412B tal-Kodiċi Kriminali, għandha tiskarta d-drittijiet li huma garantiti fil-Konvenzjoni. F'dan il-każ l-appellat ibbaża t-talba tiegħu għall-ħelsien mill-arrest fuq il-fatt li kien ilu x-xhur arrestat (ara wkoll rikors li ppreżenta fit-22 ta' Marzu, 2007). Materja li ovvjament kienet tiġi indirizzata li kieku sar rikors *ai termini* ta' dik id-disposizzjoni. Lanqas ma tressqu eżempji ta' każijiet li fihom qorti li kellha quddiemha rikors taħt l-artikolu 412B skartat id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni. Min-naħa l-oħra l-fatt li l-intimat ma tax eżempji ta' każijiet fejn il-Qorti tal-Maġistrati applikat il-Konvenzjoni f'proċedimenti simili, ma jfissirx li r-rimedju taħt l-artikolu 412B tal-Konvenzjoni m'huwiex rimedju konformi ma' dak li jrid l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni.

17. It-tieni aggravju jirreferi għall-kap tal-ispejjeż. L-ewwel Qorti ddeċidiet li kull parti kellha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħha, evidentement għaliex ir-rikorrent ma ngħatax raġun f'kollox u l-intimat ingħata raġun f'parti mid-difiża tiegħu. In vista ta' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni li tista' tiġġustifika li tvarja dik il-parti tas-sentenza.

**Appell Inċidentali.**

18. L-appellat ilmenta li sa mill-bidunett tad-detenzjoni tiegħu, kellu jingħata l-ħelsien mill-arrest.

19. L-ewwel Qorti qalet, wara li rriferiet għad-disposizzjoni rilevanti u l-ġurisprudenza, osservat:

> *"Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jigi precizat li fil-kaz odjern r-rikorrent mhuwiex qed jilmenta mil-legalita' jew mill-arbitrarjeta' tal-arrest. Hu jilmenta li d-detenzjoni tieghu ma baqghetx iktar gustifkabbli kif irrizulta manifest mis-sentenza finali tal-Qorti tal-Magistrati u li z-zmien ta' sentejn qabel ma inghatat is-sentenza kien wiehed eccessiv.*
>
> "*Illi jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Kevin Cassar li fis-17 ta' Novembru 2006, l-akkuzat flimkien mal-ko-akkuzat tieghu kienu qed jghidu diskors mal-hbieb taghhom li kienu ser jaghmlu hold up f'Ta Xbiex. Qal li l-Pulizija kienu ilhom qed ifittxuhom minn dakinhar u marru diversi drabi fl-indirizzi maghrufa tar-residenza taghhom minghajr success. Sa fl-ahhar instabu fid-29 ta' Novembru 2006.*
>
> "*Mix-xhieda prodotta jirrizulta wkoll li r-rikorrent kien mar fic-Centru tad-Detox iktar kmieni dikinhar tal-hold up. Jidher,*

*flimkien mal-ko-akkuzat tieghu, fuq il-filmat mehud mill-cameras tal-CCTV tac-Centru. Il-Pulizija esibew ukoll filmat tal-hold up fejn zewg persuni b'wicchom mghotti jidhru fil-filmat.*

"*Flimkien mal-filmati, il-pulizija ressqu wkoll provi forensici dwar impronti digitali (li rrizultaw fin-negattiv), u impront ta' zarbun misjub fil-karrozza misruqa li dehret fuq ix-xena tar-reat mqabbel ma' zarbun bit-tajn elevat mir-residenza ta' omm ir-rikorrent. L-espert forensiku kkonkluda li kien hemm xebh bejn l-impront taz-zarbun ma' dik fil-vettura. Aparti dan, fil-fehma tal-Ispettur prosekutur, l-ilbies tar- rikorrent fil-filmat tad-Detox kien identiku ghall-ilbies tal- persuna maqbuda fuq il-CCTV tal-Maltapost. Il-Pulizija elevaw ukoll balaclava mir-residenza tar-rikorrent.*

"*Dawn kienu l-konsistenza tal-provi migjuba kontra l-akkuzati.*

"*Illi hekk wara li nghalaq il-kaz, kien car li l-provi prodotti kienu ghal kollox cirkostanzjali. Il-vittmi tal-hold up ma setghux jaghmlu identifikazzjoni pozittiva tal-akkuzati ghajr ghall-deskrizzjoni generali taz-zewg persuni li dahlu fuq il-post. Il-fotogrammi mehudin mill-filmat gewwa l-Maltapost ma kienux cari bizzejjed biex iwasslu ghac-certezza li l- ilbies kien identiku ghal dak tar-rikorrent fic-Centru tad- Detox. Lanqas irrizultaw provi li jikkollegaw lill-imputati mal-vettura li ntuzat fis-serqa, u li dehret fuq il-camera ta' barra il-fergha tal-Maltapost.*

"*Illi ghar-rigward taz-zarbun elevat, omm ir-rikorrent qalet lill-Pulizija li dan kien ta' bintha izda lanqas jirrizulta li l- Pulizija ghamlu imqar xi sforz biex jistabilixxu bic-certezza li z-zarbun kien tad-daqs tat-tifla ta' 13-il sena biex jikkonfermaw il-veracita' tad-dikjarazzjoni.........*

"*Illi r-rikorrent jilmenta li l-perjodu ta' detenzjoni tieghu kien wiehed eccessiv, fejn lanqas kien baqa' imqar suspett ragjonevoli li kommetta r-reat. In sostenn tat-talbiet tieghu strah fuq is-sentenzi tal-Qorti Ewropea fil-kawzi Mikalauskas v Malta u Kenneth Gafa v Malta.*

"*Gie sottomess li l-aktar ma ghadda z-zmien, iktar kien car li l-Pulizija ma kellhomx provi bizzejjed biex jiggustifikaw l-arrest tar-rikorrent. B'referenza ghall-kaz ta' Mikalauskas, fejn l-applikant kien inzamm detenut mis-sena 2009 sal-2011 fuq akkuzi konnessi ma' traffikar ta' droga, gie sottomess mill-avukat difensur tar-rikorrent li l-perjodu ta' sentejn taht zamma ta' arrest fil-kaz odjern kien wiehed eccessiv u sproporzjonat, tenut kont in-natura tal-akkuzi migjuba kontrih.*

"*L-intimat, da parti tieghu, jishaq fuq il-kondotta refrattarja tar-rikorrent, u li d-detenzjoni hija gustifikabbli skont il-Konvenzjoni anke abbazi ta' biza' li d-detenut jista' jikkommetti reat iehor, kif fil-fatt , hekk ghamel.*

"*Ikkonsidrat li l-kaz odjern jipprezenta cirkostanzi partikolari in kwantu li l-provi migjuba kontrih fil-proceduri kriminali rrizultaw li kienu cirkostanzjali sa l-ahhar. Ma kienx hemm l-icken prova li tikkollegah max-xena tar-reat jew mal- vettura li intuzat mill-hallelin, kif, del resto, gie rikonoxxut fis-sentenza finali. Madanakollu din il-konkluzjoni kienet possibbli biss fl-ahhar stadji tal-proceduri wara li tressqu r-rapporti kollha forensici aparti li din il-Qorti mhiex Qorti ta' revizjoni fil-mertu. L-ahhar espert xehed fl-20 ta' Novembru 2007. Ix-xhieda tieghu kienet wahda rilevanti in kwantu qabbel l-impront taz-zarbun u sab li kien hemm "xebh" bejniethom.*

*"Inoltre ghalkemm il-Magistrat illiberah, dan ghamlu minnhabba nuqqas ta' provi sal grad rikjest mill-ligi,filwaqt u fl-istess nifs, irritjena li kien hemm "probabilita'" li kien hu li kkommetta r-reat in mertu. Dan jaghti x'jifhem li fil-mohh il-gudikant, is-suspett ragjonevoli kien baqa' jissussisti sal-ahhar .*

"*Illi kkonsidrat li sa dakinhar ir-rikorrent kien inzamm detenut ghall-sena fejn (effettivament minn Novembru 2006 sa' Novembru 2008), fejn, allura, id-dominanza tal- element ta' suspett ragjonevoli jcedi ghall-apprezzament tal-fattur taz-zmien tad-detenzjoni. Ghalhekk jokkorri li l-Qorti tezamina jekk, stante it-trapass ta' dan il-perjodu, ghadx kienx hemm cirkostanzi li ggustifikaw it-tkomplija tad-detenzjoni tieghu (vide Merabishvili v. Georgia [GC], § 222, u Buzadji v. the Republic of Moldova [GC], § 102).*

"*Illi l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea stabbiliet erba' ragunijiet li jistghu jiggustifikaw iz-zamma ta' detenzjoni fit-termini tal-artikolu 5(3) u cioe`:*

*a) ir-riskju li l-akkużat ma jidhirx quddiem il-Qorti;*
*b) ir-riskju li jekk l-akkużat jinħeles jieħu xi azzjoni li tippreġudika l-amministrazzjoni tal-ġustizzja;*
*c) li jikkommetti reati oħra; jew*
*d) li jikkawża disordni pubbliku (Ara: Tiron v. Romania, § 37; Smirnova v. Russia, § 59; Piruzyan v. Armenia, § 94);*

"*Issa din il-Qorti ma sabet xejn fil-process li jista' jissolleva l-icken dubbju li l-Qorti mexxiet il-kaz b'dilgenza u b'heffa tenut kont in-numru konsiderevoli ta' xhieda imressqa mill-*

*Prosekuzzjoni. Saret ukoll indagni forensika approfondita u rilevanti, u minghajr hela ta' zmien.*

"*Ir-rikorrent jinjora l-element qawwi ta' interess pubbliku ezistenti fil-kaz tieghu, tenut kont li kien recidiv mhux ghal darba, darbtejn, imma gja kellu ben seba' sentenzi ta' kundanna fil-curriculum tieghu. Ghalhekk the fear of reoffending kien wiehed reali.*

"*Kif gie ritenut: "The seriousness of a charge may lead the judicial authorities to place and leave a suspect in detention on remand in order to prevent any attempts to commit further offences. It is however necessary that the danger be a plausible one and the measure appropriate, in the light of the circumstances of the case and in particular the past history and the personality of the person concerned (Clooth v. Belgium, § 40); u li "Previous convictions could give a ground for a reasonable fear that the accused might commit a new offence." (Selçuk v. Turkey, § 34; Matznetter v. Austria, § 9).*

"*L-akkuzi migjuba kontra r-rikorrent kienu jinvolvu hold up f'post accessibbli ghall-pubbliku, fid-dawl tax-xemx, b'uzu ta' arma aparti akkuzi ohra dwar serq ta' vettura u serq ta' oggetti ohra. Ma jistax jinghad li l-akkuzi ma kienux serji u allarmanti ghall-pubbliku in generali. Marbut ma' dan hemm il-piz tal-kondotta refrattarja tieghu.*

"*Ghaldaqstant ghal motivi premessi, din il-Qorti, wara li kkonsidrat li l-Qorti tal-Magistrati mexxiet il-kaz b'dilgenza u heffa, li l-biza' ta' ripetizzjoni ta' reati kienet wahda reali u accertabbli fil-konfront tar-rikorrent, li hu stess kien irrifjuta li jidhol fi programm ta' rijabilitazzjoni u b'hekk irrifjuta garanzija offruta mill-Qorti sabiex jinheles mill-arrest fi stadju bikri tal-proceduri, tqies li z-zamma tieghu f'detenzjoni kienet gustifikata u mhux lesiva tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni.*"

20. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li:-

i. Fl-1 ta' Diċembru, 2006 l-appellat kien akkużat b'serq minn fergħa tal-Maltapost fil-Pieta', minn ħanut Visual Electronics fil-Fgura u serq ta' vettura. Dakinhar l-appellat u l-imputat l-ieħor talbu li jingħataw il-ħelsien mill-arrest. Il-Prosekuzzjoni oġġezzjonat. Wara li l-Qorti

kienet infurmata li kien għad fadal xhieda pajżana li ma kinux xehdu fl-inkjesta tal-Maġistrat Inkwirenti, ċaħdet it-talba. Pero` qalet ukoll, *"... b'dan li tissoleċita lill-Prosekuzzjoni li mill-aktar fis possibbli jiġu nġunti x-xhieda pajżana u jiġi eżebit il-proċess verbal"*.

ii. L-appellat ma kellux fedina penali nadifa. Fil-fatt kellu diversi każijiet li kellhom x'jaqsmu ma' serq.

iii. Mill-atti jirriżulta li permezz ta' rikors preżentat fit-22 ta' Marzu, 2007 l-appellat talab li jingħata l-ħelsien mill-arrest. Ma jirriżultax li bejn id-data li tressaq il-qorti u dak ir-rikors, saret talba oħra għall-ħelsien mill-arrest.

iv. Fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 2007 l-appellat u l-imputat l-ieħor iddikjaraw li ma kienux disposti li jagħmlu programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga. Dakinhar stess il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja iddikjarat li, *".... f'dan l-istadju tissospendi li tagħti digriet finali dwar il-ħelsien mill-arrest u qegħda tirrinvija l-atti lill-Avukat Ġenerali"*.

v. Kien biss fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 2007 li d-difensuri tal-appellat u l-imputat l-ieħor, semmew ir-rikorsi li kien hemm pendenti. Il-Qorti qalet li, *"... tirriżerva li tagħti d-digriet tagħha"*. L-istess dikjarazzjoni saret mill-Qorti fis-seduta tas-27 ta' Settembru, 2007. Madankollu, digriet baqa' ma ngħatax.

vi. Fil-15 ta' Novembru, 2007 reġa' sar rikors ieħor mill-appellat sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest. Għalkemm l-Avukat Ġenerali wieġeb u oppona, għal darba'oħra l-Qorti baqgħet ma tatx digriet. Mill-atti ma jirriżultax li f'dak l-istadju seta' kien hemm raġuni għalfejn il-Qorti ma tatx digriet fuq dak ir-rikors.

vii. Fil-5 ta' Diċembru, 2007 l-appellat kien ikkundannat piena ta' priġunerija ta' sena f'każ ieħor, **Il-Pulizija vs Jeremy James Farrugia et** (numru 268/2002). Ma jirriżultax li dik is-sentenza ġiet appellata. Każ li kien dwar serq ta' alkoħol. Fis-sentenza l-Qorti irrakkomandat lid-Direttur tal-Ħabs sabiex l-appellat isegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizju tad-droga.

viii. Fl-24 ta' Jannar, 2008 ingħatat is-sentenza fil-kawża li eventwalment tat lok għal din il-kawża.

ix. Fl-24 ta' Ġunju, 2011 l-appellat kien kundannat tmien (8) snin priġunerija in kwantu għal 5 snin b'riferenza għal serq ta' apparat elettroniku u ġojjelli fid-19 ta' Novembru, 2006 ġewwa fond f'San Gwann. Il-kumplament tal-perjodu kien b'riferenza għal żewġ sentenzi preċedenti li bihom weħel pieni ta' priġunerija li pero' kienu sospiżi. Sentenza li ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-3 ta' Lulju, 2013 b'rakkomandazzjoni li l-

appellat jitpoġġa fi programm ta' rijabilitazzjoni minħabba problema ta' droga.

21. Wara li l-Qorti qrat l-atti tal-proċeduri kriminali, tikkonkludi li altru milli kien hemm suspett raġjonevoli li l-appellat u l-imputat l-ieħor kienu wettqu r-reati; *"The words "reasonable suspicion" mean the existence of facts or information which would satisfy an **objective observer** that the person concerned may have committed the offence"* (sentenza **Kavala v Turkey**, applikazzjoni 28749/18 tal-10 ta' Diċembru, 2019). F'dan ir-rigward biżżejjed taqra d-deposizzjoni tal-Ispettur Joseph Mercieca (seduta tal-14 ta' Diċembru, 2006), u tara wkoll il-filmati taċ-Ċentru tad-Detox u tal-fergħa tal-Maltapost fejn saret waħda mis-serqiet. Filmati li din il-Qorti rat. Suspett raġjonevoli li minn dak li qrat din il-Qorti fl-atti tal-proċeduri kriminali, kien jeżisti mhux biss fl-istadju li l-appellat tressaq il-Qorti taħt arrest iżda wkoll fil-kors kollu tal-proċeduri kriminali.

22. Hu veru li għadda żmien mhux qasir mid-data tal-arrest, pero` hu evidenti li l-appellat ma kienx persuna affidabbli li ma jwettaqx reat ieħor jekk jingħata l-ħelsien mill-arrest. L-appellat kellu l-vizzju tad-droga, u saħansitra rrifjuta li jattendi għall-programm ta' rijabilitazzjoni. Jidher għalhekk li għall-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja l-appellat ma kienx jagħti affidament li mhux ser iwettaq reat ieħor. Saħansitra, jirriżulta wkoll li ġranet qabel l-arrest tiegħu, kien wettaq reat

ieħor ta' serq f'San Gwann. Fatt li jkompli jsaħħaħ il-fehma tal-Qorti li fiż-żmien rilevanti l-appellat ma kienx persuna affidabbli.

23. Kif jingħad fil-ktieb ta' Harris, O'Boyle & Warbrick (paġna 348):

> *"In Matznetter v Austria, and subsequent case law the Court has held that the detention of the applicant on the basis of the prevention of crime was compatible with Article 5(3). Accordingly, public interest in the prevention of crime may justify detention on remand where there are good reasons to believe that the accused, if released, will commit an offence or offences of the same serious kind with which he is already charged"*.

24. Għall-Qorti hu evidenti li l-appellat kien qiegħed jidħol fl-inkwiet minħabba li kellu bżonn mezz ta' qliegħ sabiex jiffinanzja l-vizju. Is-soluzzjoni kienet li l-appellat ifittex l-għajnuna u jidħol għall-programm ta' rijabilitazzjoni. Pero' dik kienet miżura li l-appellat ma setax jiġi mġiegħel ifittex. Hu wkoll evidenti li fiż-żmien rilevanti l-appellat ma kellux ir-rieda li jfittex l-għajnuna.

25. Saħansitra fil-5 ta' Diċembru, 2007 l-appellat kien ikkundannat sena priġunerija. Irrispettivament ingħatax il-ħelsien mill-arrest jew le, minn dakinhar xorta kien ser jibqa' arrestat peress li kien qiegħed jiskonta sentenza ta' priġunerija dwar każ ieħor. B'hekk m'hemmx bażi sabiex minn dakinhar 'il quddiem jiġi kkunsidrat għall-finijiet ta' kumpens li f'dan il-każ hu dannu non-pekunjarju.

26. Fir-rigward tal-ilment relatat mal-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni, il-Qorti m'għandhiex iktar x'iżżid ma' dak li diġa` qalet meta ikkunsidrat l-appell tal-Avukat Ġenerali.

27. L-appellat jippretendi wkoll li kellu jingħata kumpens fir-rigward tal-ksur li l-ewwel Qorti sabet b'riferenza għall-perjodu mill-15 ta' Novembru, 2007 'il quddiem. L-Artikolu 5(5) tal-Konvenzjoni jipprovdi:

> *"Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu* ***jkollu dritt esegwibbli għal kumpens****".*

28. L-ewwel Qorti rraġunat li:-

> *"Illi din il-Qorti taqbel li t-telf tal-liberta' ma jiġix sodisfatt b'sempliċi dikjarazzjoni ta' ksur. Kulħadd għandu d-dritt li jkun ħieles, diment li l-Liġi, mgħonija bil-kawteli u bil-garanziji kollha meħtieġa f'pajjiż li jħaddan is-saltna tad-dritt, ma tiddettax mod ieħor. Anke fil-każ tar-rikorrent, dawn ix-xahrejn kienu żejda u arbitrarji.*
>
> "*Madanakollu jirrizulta car li r-rikorrent stess ma jaghti l- ebda importanza ghal-liberta' tieghu ghaliex ma damx milli jerga' jikkommetti reat iehor li waslitu sa gewwa l-habs ta' Kordin. Li kieku kien jaghti valur ghal-liberta' kien ikun aktar attent li ma jiksirx il-ligi. Certament rinfaccjata b'dan l-atteggjament spavald fil-konfront tal-ligi u tas-serhan pubbliku, din il-Qorti thoss li m'ghandha taghti l-ebda rimedju finanzjarju tenut kont ic-cirkostanzi partikolari tieghu, il-perjodu relattivament qasir tad-detenzjoni, kif ukoll ir-rifjut tieghu li jidhol ghall-programm reformatorju meta saritlu l-istedina.*
>
> "*Fiċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti ser tillimita r-rimedju għall-dikjarazzjoni ta' ksur".*

29. Rajna kif mill-5 ta' Diċembru, 2007 l-appellat xorta kien arrestat għaliex kien qiegħed jiskonta sentenza ta' sena priġunerija. Għalhekk, l-għoti tal-ħelsien mill-arrest ma kienx ser iwassal biex matul il-perjodu bejn il-5 ta' Diċembru, 2007 sal-24 ta' Jannar, 2008 ikun meħlus mill-arrest. Dan kuntrarjament għal dak li l-appellat ipprova jagħti x'jifhem. Semmai l-perjodu rilevanti kien mill-15 ta' Novembru, 2007 sal-4 ta' Diċembru, 2007 b'kollox għoxrin (20) jum. Għalhekk b'applikazzjoni tal-artikolu 5(5) ir-rikorrent għandu dritt esegwibbli għall-kumpens. Minn qari tal-artikolu 5(5) jidher li l-Qorti m'għandhiex diskrezzjoni tagħtix kumpens jew le. Għaldaqstant, il-Qorti ser tvarja s-sentenza u takkorda kumpens ta' ħames mitt ewro (€500), li jirreferi għal danni non-pekunjarji. Ir-rikorrent ma ta l-ebda prova ta' danni pekunjarji li seta' sofra matul l-imsemmija għoxrin (20) jum.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq:-

i. Tilqa' parzjalment l-appell tal-Avukat Ġenerali in kwantu jirreferi għal dik il-parti tal-aggravju li tikkonċerna l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni. Tvarja s-sentenza tad-29 ta' Novembru, 2018 billi tiċħad l-ewwel talba tal-appellat in kwantu tirreferi għal dik id-disposizzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.
ii. Tiċħad il-kumplament tal-appell tal-Avukat Ġenerali.

iii. Tilqa' biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq l-appell inċidentali u tvarja s-sentenza tad-29 ta' Novembru, 2018 fis-sens li minflok tikkundanna lill-Avukat Ġenerali jħallas kumpens ta' ħames mitt ewro (€500) lir-rikorrent. Tiċħad l-aggravji l-oħra tal-appell inċidentali.

iv. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti tad-29 ta' Novembru, 2018.

v. Spejjeż tal-appell tal-Avukat Ġenerali jinqasmu nofs bin-nofs, filwaqt li l-spejjeż tal-appell inċidentali jinqasmu in kwantu għal tlieta minn erbgħa (¾) a karigu tal-appellat u wieħed minn erbgħa (¼) tal-appellant.

| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
gr